Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,583, 5 ta' Marzu, 2021
Taqsima B

A.L. 75 tal-2021

ATT DWAR IS-SAHHA PUBBLIKA
(KAP. 465)
Regolamenti tal-2021 dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent għas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb.

L-għeluq ta' stabbilimenti tal-ikel u x-xorb.

2. (1) Il-*bars* u l-każini kollha ma għandhomx jiftħu għan-negozju u għandhom jibqgħu magħluqa.

(2) Ir-ristoranti, *snack bars* u *kiosks* għandhom jibqgħu magħluqa ħlief biex jipprovdu s-servizzi ta' *delivery* u *take-away* lill-komunità. Ir-ristoranti li jinsabu ġewwa lukandi jew postijiet oħra ta' akkomodazzjoni liċenzjati jistgħu jibqgħu miftuħa biex jipprovdu servizz biss lill-alloġġjanti tagħhom.

Reati u pieni.

3. Kull min jikser dawn ir-regolamenti jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, penali ta' sitt elef euro (€6,000) għal kull okkazzjoni li jikser dawn ir-regolamenti.

Data sa meta jibqgħu fis-seħħ u dispożizzjoni tranżitorja.

4. Dawn ir-regolamenti għandhom jibqgħu fis-seħħ sal-11 ta' April 2021:

Iżda dawn ir-regolamenti, inkluż wara l-11 ta' April 2021, għandhom jitqiesu li għadhom fis-seħħ għall-finijiet ta' kull att, deċiżjoni, azzjoni jew proċeduri meħuda fir-rigward ta' xi ksur tal-istess regolamenti li seħħew jew ġew istitwiti taħt jew bis-saħħa tal-istess regolamenti.